**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 30 ta' Mejju, 2018

Rikors Nru : 22/18 AL

**AB**

**U**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

1) Illi l-kontendenti partijiet kkuntrattaw zwieg nhar l-14 ta' Mejju tas-sena 2004 gewwa l-Knisja tal-Kappucini gewwa l-Floriana, liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta (605/2004) u dan kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A';

2) Illi l-kontendenti partijiet sseparaw legalment minn ma' xulxin fis-sena 2012, u ghalhekk illum il-gurnata ghaddew erba (4) snin mid-data meta l-kontendenti partijiet isseparaw. Illi bejn il-partijiet m'hemm ebda` prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni, tant li llum il-gurnata it-tnejn li huma bnew hajja taghom;

3) Illi l-partijiet minn dan iz-zwieg rrinunzjaw reciprokament mid-dritt li jitolbu u jottjenu manteniment minghand xulxin;

4) Illi mill-imsemmi zwieg l-istess partijiet kellhom tifel bl-isem ta' FD, u l-istess wild qieghed jircievi manteniment adegwat fil-konfront tieghu u li ghal finijiet u effetti kollha tal-Ligi kwalsiasi obbligi ta' manteniment gew effettivament regolati fl-istess kuntratt ta' firda personali u konsegwentement ma tezisti ebda` kwistjoni f'dan ir-rigward;

5) Illi in vista tal-premess jikkonkoru il-kriterji kollha rikjesti mil-ligi ghal-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Talbu lil din il-Qorti sabiex :

1. tiddikjara li z-zwieg taghhom hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi;
2. tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza' lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex jirregistrah skont il-Ligi fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Jannar, 2018;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-8 ta' Mejju, 2012;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.